Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0225(COD)

23.3.2017

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2016)0468 – C8-0325/2016 – 2016/0225(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Malin Björk

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 70

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2016)0468 – C8-0325/2016 – 2016/0225(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0468),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 78(2)(d) u (g) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0325/2016),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Jannar 2017[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Frar 2017[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0000/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdid)

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-risistemazzjoni hija l-għażla, l-ammissjoni u t-trasferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali minn stat fejn ikunu talbu l-protezzjoni lejn stat ieħor, bil-ħsieb li jingħataw lhom protezzjoni internazzjonali u soluzzjoni dejjiema. Ir-risistemazzjoni hija att ta' solidarjetà stabbilit sew ma' pajjiżi li jospitaw rifuġjati abbażi ta' ħtiġijiet umanitarji. Ir-risistemazzjoni għandha tliet funzjonijiet interrelatati u komplementari: hi għodda għall-protezzjoni, soluzzjoni dejjiema u mekkaniżmu ta' qsim tar-responsabilità.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Il-UNHCR għandu l-mandat, permezz tal-istatut tiegħu u r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li jwettaq ir-risistemazzjoni bħala soluzzjoni dejjiema għal għal persuni f'sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati. L-għarfien espert tal-UNHCR f'dan il-qasam huwa msejjes fuq għexieren ta' snin ta' xogħol u mandat appoġġjat globalment. Il-kompetenza tal-UNHCR f'dan il-qasam għandha tkun sors ta' appoġġ għall-programmi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri, u għall-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) Skont l-Artikolu 78(1) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-asil trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati, u trattati rilevanti oħra. Dawn it-trattati huma bbażati fuq l-Artikolu 14 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni li jfittxu l-asil minn persekuzzjoni f'pajjiżi oħra. Ir-risistemazzjoni mhix se tieħu post il-wasla spontanja ta' persuni jfittxu asil fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Ir-risistemazzjoni hi mezz wieħed legali, u għandha tkun ikkomplementata b'mezzi legali oħra, fosthom ir-riunifikazzjoni tal-familja estiża, viżi umanitarji, programmi ta' ammissjoni umanitarja, programmi ta' sponsorizzazzjoni privata, u migrazzjoni tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet umanitarji, jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet globali ta' risistemazzjoni u jtaffi s-sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati. Il-Qafas għandu jikkonforma ma' strutturi ta' risistemazzjoni li diġà jeżistu, b'mod partikolari l-Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni(ATRC), bl-għan li l-isforzi kollettivi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri jiżdiedu b'mod gradwali biex jilħqu mill-inqas 25 % tal-ħtiġijiet dinjija ta' risistemazzjoni kif deskritt fid-dokument dwar il-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Europe has 23.8% of the world's GDP, yet EU Member States host only around 8% of the world's refugees. This places a disproportionate burden on developing countries, which host the vast majority. 22 European countries resettled 13,040 persons in 2015 (9,629 to 17 EU Member States), with Europe contributing, on average, approximately 10 per cent to global resettlement intakes over the past five years. By contrast, that same year, the U.S. resettled 69,933 refugees. In order for an EU Resettlement Framework to add value, it needs to increase both the quality and the quantity of resettlement to the Union. If we want to reduce the need for dangerous journeys, reduce loss of lives and reliance on smuggling networks, this will only become a reality when the number of places offered is credible and meaningful. Therefore, the rapporteur suggests to clearly align the Union Framework to already existing and successful structures, and to increase the number of resettlement places reflecting the EUs responsibility as a global region with the capacity to do so. The will from Member States to contribute to global resettlement needs is clear as more and more Member States are starting national resettlement programmes for the first time. The Union Resettlement Framework should be a stepping stone to increasing our collective effort.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1f) Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jappoġġja u jinkoraġġixxi l-programmi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri, kemm dawk antiki kif ukoll dawk ġodda, iżid b'mod gradwali l-isforzi kollettivi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri u jappoġġja u jiffaċilita l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-persuni risistemati.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 1g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1g) Id-Dikjarazzjoni ta' New York dwar ir-Rifuġjati u l-Migranti[1a] tħeġġeġ lill-istati biex iżidu l-isforzi ta' risistemazzjoni u tipprevedi qafas ta' reazzjoni komprensiv għar-rifuġjati li fih l-Istati jkollhom l-għan li jipprovdu postijiet ta' risistemazzjoni u mezzi legali oħra fuq skala li tippermetti li jiġu sodisfati l-ħtiġijiet annwali ta' risistemazzjoni identifikati mill-UNHCR.
	[1a] http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/71/L.1

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni indirizzat Rakkomandazzjoni għal Skema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja mat-Turkija[29] lill-Istati Membri u l-Istati Assoċjati li tirrakkomanda li l-Istati parteċipanti jammettu persuni spostati mill-kunflitt fis-Sirja li huma fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, Skema Volontarja ta' Ammissjoni Umanitarja tiġi attivata ladarba jintemm il-qsim irregolari bejn it-Turkija u l-UE jew tal-inqas dan ikun tnaqqas b'mod sostanzjali u sostenibbli. L-Istati Membri se jikkontribwixxu fuq bażi volontarja għal din l-iskema.	***imħassar***

[29] C(2015) 9490.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija u l-iskema 1:1 ġiet ikkritikata ħafna u qajmet dubji fost l-atturi tad-Drittijiet tal-Bniedem. Id-dikjarazzjoni ħalliet għexieren ta' eluf ta' rifuġjati f'sitwazzjoni ta' limbu fil-Greċja f'kundizzjonijiet terribbli. Għaldaqstant, ir-rapporteur tqis li r-referenza għad-Dikjarazzjoni UE-Turkija mhix xierqa f'Qafas ta' Risistemazzjoni li jħares 'il quddiem u jimmira li jpoġġi lill-UE fix-xena internazzjonali bħala attur importanti.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, mill-20 ta' Marzu 2016 il-migranti irregolari l-ġodda kollha	***imħassar***

li jaqsmu mit-Turkija għall-gżejjer Griegi jintbagħtu lura lejn it-Turkija. Għal kull Sirjan li jintbagħat lura lejn it-Turkija mill-gżejjer Griegi, Sirjan ieħor jiġi risistemat mit-Turkija lejn l-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-Kriterji tal-Vulnerabbiltà tan-Nazzjonijiet Uniti. F'Mejju 2016, l-Istati Membri u l-Istati Assoċjati ta' Dublin u t-Turkija laħqu fehim komuni dwar Proċeduri Operattivi Standard li jiggwidaw l-implimentazzjoni ta' din l-iskema ta' risistemazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif deskritt minn Amnesty International u gruppi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, ir-ritorn tar-rifuġjati mill-Greċja lejn it-Turkija taħt id-Dikjarazzjoni UE-Turkija u l-iskema 1:1 tagħha qed idgħajjef id-dritt internazzjonali. It-Turkija mhix meqjusa bħala pajjiż sigur, u lanqas bħala pajjiż b'sistema ta'ażil li tiffunzjona. Il-konferma ta' din il-proċedura fil-qafas ta' skema ta' risistemazzjoni solida mibnija fuq il-liġi tal-ażil internazzjonali mhix xierqa.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Filwaqt illi jibni fuq l-inizjattivi eżistenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni stabbli u affidabbli għar-risistemazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li għandu jiġi implimentat skont il-pjanijiet ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni li jwettqu b'mod effettiv l-impenji konkreti tal-Istati Membri.	(8) Filwaqt illi jibni fuq l-inizjattivi eżistenti ***u f'konformità mal-arkitettura internazzjonali ta' risistemazzjoni eżistenti***, jenħtieġ li jiġi stabbilit Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni stabbli u affidabbli għar-risistemazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li għandu jiġi implimentat skont il-pjanijiet ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni li jwettqu b'mod effettiv l-impenji konkreti tal-Istati Membri ***u huma allinjati mal-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni kif stabbiliti mill-UNHCR u ppreżentati fil-Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni (ATCR)***.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan il-qafas huwa parti neċessarja minn ***politika dwar il-migrazzjoni*** ġestita ***sew biex jitnaqqsu d-diverġenzi fost prattiki*** u ***proċeduri*** nazzjonali ta' risistemazzjoni, ***jipprevedi*** l-wasla legali u sikura fit-territorju tal-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, ***jgħin sabiex jintnaqqas ir-riskju ta' dħul irregolari fuq skala kbira*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat ***fit-territorju tal-Istati Membri u b'hekk inaqqas il-pressjoni ta' wasliet spontanji fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri***, ***ikun*** espressjoni ta' solidarjetà ma' pajjiżi ***f'reġjuni*** li lejhom u fihom ġew spustati numru kbir ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali billi ***jgħin*** biex titnaqqas il-pressjoni fuq dawk il-pajjiżi, ***jgħin biex jintlaħqu l-objettivi*** ta' ***politika barranija tal-Unjoni billi jżid l-influwenza tal-Unjoni fil-konfront ta' pajjiżi terzi,*** u ***jikkontribwixxi effettivament għal inizjattivi ta' risistemazzjoni globali permezz ta' vuċi waħda f'fora internazzjonali u ma' pajjiżi*** terzi.	(9) Dan il-qafas huwa parti neċessarja minn ***Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil*** ġestita ***tajjeb li tappoġġja u tespandi l-programmi nazzjonali ta' risistemazzjoni eżistenti, tappoġġja*** u ***tgħin sforzi*** nazzjonali ta' risistemazzjoni ***ġodda***, ***tipprevedi*** l-wasla legali u sikura fit-territorju tal-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, ***tikkontribwixxi għall-għoti ta' protezzjoni u soluzzjonijiet dejjiema għall-ħtiġijiet ta' għadd dejjem jikber*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat, ***hija*** espressjoni ta' solidarjetà ma' pajjiżi ***u reġjuni*** li lejhom u fihom ġew spustati numru kbir ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali billi ***tgħin*** biex titnaqqas il-pressjoni fuq dawk il-pajjiżi, ***u tikkontribwixxi effettivament għal inizjattivi*** ta' ***risistemazzjoni globali permezz ta' vuċi waħda f'fora internazzjonali. Ir-risistemazzjoni akkoppjata ma' azzjonijiet*** u ***politiki għall-iżvilupp tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv biex jitnaqqsu t-tensjonijiet u jittaffew sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati f'pajjiżi*** terzi.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' dħul irregolari fuq skala kbira ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju tal-Istati Membri, juru solidarjetà ma' pajjiżi f'reġjuni li lejhom jew fihom ġew spustati numru kbir ta' persuni fil-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali billi jgħinu biex titnaqqas il-pressjoni fuq dawk il-pajjiżi, u jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika barranija tal-Unjoni, ir-reġjuni jew il-pajjiżi terzi minn fejn se sseħħ ir-risistemazzjoni għandhom jintegraw involviment imfassal ma' pajjiżi terzi biex tiġi ġestita aħjar il-migrazzjoni kif previst fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-Twaqqif ta' Qafas ta' Sħubija ġdid ma' pajjiżi terzi skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[32].	***imħassar***

[32] COM(2016) 377 final.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Several stakeholders such as UNHCR, IOM, ECRE, IRC, Caritas, Red Cross, Amnesty International and many more have voiced their concerns about linking resettlement with third countries cooperation in asylum and migration matters as this moves away from resettlement as a protection tool to provide assistance to the most vulnerable refugees. The rapporteur strongly believes that the humanitarian essence of resettlement must be safeguarded, and that resettlement must continue to be based on the needs of the most vulnerable refugees. Determining geographical priorities based on third countries cooperation in the area of migration and leveraging resettlement to reach foreign policy objectives would de facto jeopardize a humanitarian, needs-based and international protection approach.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex ***jitnaqqsu d-diverġenzi fost il-prattiki*** u ***l-proċeduri nazzjonali ta' risistemazzjoni***, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri standard komuni u kriterji komuni ta' eliġibbiltà u raġunijiet għal esklużjoni għas-selezzjoni***, *kif ukoll status komuni ta' protezzjoni li jingħata lil persuni risistemati***.	(11) Sabiex ***jinħoloq Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni*** u ***biex tissaħħaħ u tkun appoġġjata parteċipazzjoni akbar mill-Istati Membri***, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri standard komuni u kriterji komuni ta' eliġibbiltà u raġunijiet għal esklużjoni għas-selezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Although it is important to create incentives for MS to participate in the Union Framework, it is also important that this Framework does not discourage potential national efforts by enforcing common procedures, eligibility criteria or exclusion grounds on national programmes. Participation in the Union Resettlement Framework will be increased gradually by the added value that the programme will provide, and by the pooling of expertise and resources. Furthermore, the basis of resettlement as a durable solution is that states are expected to provide resettled persons with permanent residence. Therefore, it is vital that MS are able to issue residence permits that are more favourable than those suggested in Regulation (EU) No XXX/XXX [Qualification Regulation].

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-proċeduri standard komuni jenħtieġ li jibnu fuq l-esperjenza u l-istandards eżistenti ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri***, *b'mod partikolari l-Proċeduri Operattivi Standard li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-iskema ta' risistemazzjoni mat-Turkija stabbilita fid-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016***. Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' ***żewġ tipi ta' proċeduri standard*** ta' ***risistemazzjoni***.	(12) Il-proċeduri standard komuni jenħtieġ li jibnu fuq l-esperjenza u l-istandards eżistenti ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri ***u tal-UNHCR***. Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' ***proċedura ordinarja, proċedura mħaffa u proċedura*** ta' ***emerġenza***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Iż-żewġ*** tipi ta' ***proċedura*** jikkonsistu mill-istadji li ġejjin: l-identifikazzjoni, ***ir-reġistrazzjoni***, il-valutazzjoni u ***d-deċiżjoni***.	(13) ***It-tliet*** tipi ta' ***proċeduri jenħtieġ li*** jikkonsistu mill-istadji li ġejjin: l-identifikazzjoni, ***it-tressiq tal-każijiet***, il-valutazzjoni***, id-deċiżjoni*** u ***r-reġistrazzjoni***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura mħaffa bl-istess livell ta' kontrolli ta' sigurtà bħal fil-proċedura ordinarja. Madankollu, fil-proċedura mħaffa, ***il-valutazzjoni*** tal-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat ***jenħtieġ li*** tiġi limitata għal valutazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom għal protezzjoni sussidjarja mingħajr ma tiġi valutata l-kwalifika tagħhom għal status ta' rifuġjat.	(15) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura mħaffa bl-istess livell ta' kontrolli ta' sigurtà bħal fil-proċedura ordinarja. Madankollu, fil-proċedura mħaffa, ***jenħtieġ li jkun possibbli li l-valutazzjoni*** tal-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat tiġi limitata għal valutazzjoni tal-eliġibbiltà tagħhom għal protezzjoni sussidjarja mingħajr ma tiġi valutata l-kwalifika tagħhom għal status ta' rifuġjat.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' emerġenza bl-istess livell ta' kontrolli ta' sigurtà bħal fil-proċedura ordinarja. Madankollu, fil-proċedura ta' emerġenza, it-tressiq ta' każijiet ta' risistemazzjoni urġenti jew ta' emerġenza mingħand il-UNHCR għandu jkun soġġett għal valutazzjoni aċċellerata tar-rekwiżiti u tal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti taħt l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' kwota u proċedura ta' emerġenza speċifiċi fi ħdan il-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni isservi biex tirrispondi għal każijiet ta' emerġenza u urġenti b'mod globali, li għalihom bħalissa hemm nuqqas sinifikanti ta' postijiet disponibbli.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-proċedura ta' risistemazzjoni għandha tiġi konkluża malajr kemm jista' jkun sabiex ***il-persuni fil-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali jiġu skoraġġuti milli*** jużaw modi irregolari biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea biex ifittxu protezzjoni. Fl-istess waqt, hija għandha tiżgura li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien għal analiżi sħiħa u adegwata ta' kull każ. Il-limiti ta' żmien għandhom jikkorrispondu ma' dak li huwa neċessarju biex isiru t-tipi differenti ta' valutazzjoni previsti għall-proċedura ordinarja ***u għal dak mgħaġġla***.	(16) Il-proċedura ta' risistemazzjoni għandha tiġi konkluża malajr kemm jista' jkun sabiex ***titnaqqas il-ħtieġa li l-persuni fil-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali*** jużaw modi irregolari biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea biex ifittxu protezzjoni. Fl-istess waqt, hija għandha tiżgura li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien għal analiżi sħiħa u adegwata ta' kull każ. Il-limiti ta' żmien għandhom jikkorrispondu ma' dak li huwa neċessarju biex isiru t-tipi differenti ta' valutazzjoni previsti għall-proċedura ordinarja***, il-proċedura mħaffa u l-proċedura ta' emerġenza***.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Kull dejta personali miġbura għall-finijiet tal-proċedura ta' risistemazzjoni għandha tinħażen għal perjodu massimu ta' ħames snin mid-data tar-risistemazzjoni. ***Minħabba li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jkunu diġà ġew risistemati minn Stat Membru wieħed jew li matul l-aħħar ħames snin ikunu rrifjutaw ir-risistemazzjoni fi Stat Membru jenħtieġ li jiġu esklużi mir-risistemazzjoni fi Stat Membru ieħor, dak il-perjodu għandu jiġi kkunsidrat bħala perjodu neċessarju għall-ħżin tad-dettalji personali, inklużi marki tas-swaba' u xbihat tal-wiċċ.***	(17) Kull dejta personali miġbura għall-finijiet tal-proċedura ta' risistemazzjoni għandha tinħażen għal perjodu massimu ta' ħames snin mid-data tar-risistemazzjoni.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Ma hemm l-ebda dritt suġġettiv għar-risistemazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux ċara x'inhuwa l-objettiv ta' dan il-paragrafu u għaliex ikun meħtieġ li jkun inkluż hawnhekk.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex ikunu jistgħu jiġu supplimentati r-regoli li jirregolaw il-proċedura li għandha tiġi applikata fl-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex il-proċedura tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi fil-pajjiż terz minn fejn isseħħ ir-risistemazzjoni, bħad-determinazzjoni tar-rwol ta' dak il-pajjiż terz fil-proċedura. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[33]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

[33] ĠU L123, 12.05.2016, p. 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux ċara x'jista' jkun l-għan u l-ambitu ta' dawn l-atti delegati, li jirrigwardaw speċifikament il-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet f'każ ta' risistemazzjoni, u għalfejn ma setgħux jintlaħqu b'mezzi oħra. Il-proċedura ordinarja tagħti biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex jadattaw il-proċedura kif meħtieġ biex jimplimentaw b'suċċess il-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 10.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex tissupplementa dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ħolqien tal-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni li jiffissa kull sentejn l-għadd mira ta' persuni li għandhom jiġu risistemati, id-dettalji tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-pjan u l-kontribut tagħhom għall-għadd mira ta' persuni li għandhom jiġu risistemati, kif ukoll il-prijoritajiet ġeografiċi ġenerali. Sabiex tissupplementa dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tkun delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ħolqien ta' skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni li jistabbilixxu l-għadd preċiż ta' persuni li għandhom jiġu risistemati mqabbel mal-għadd mira u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, konsistenti mal-pjan ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, għandhom jingħataw lill-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni biex jistabbilixxi l-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, in-numru totali massimu ta' persuni li għandhom jiġu risistemati, id-dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-pjan u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għan-numru totali ta' persuni li jridu jiġu risistemati, kif ukoll il-prijoritajiet ġeografiċi globali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati fuq proposta mill-Kummissjoni dwar in-numru totali massimu ta' persuni li għandhom jiġu risistemati u l-prijoritajiet ġeografiċi globali. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-proposta tagħha simultanjament mal-proposta tagħha dwar l-abbozz tal-baġit annwali tal-Unjoni. Il-Kunsill għandu jkollu bħala mira li jadotta l-proposta fi żmien xahrejn. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom iqisu d-diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell	***imħassar***

Għoli.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tistabbilixxi skemi ta' risistemazzjoni tal-Unjoni li jistabbilixxu n-numru preċiż mill-għadd totali ta' persuni li għandhom jiġu risistemati u l-parteċipazzjoni tal-Istat Membru, konsistenti mal-pjan annwali ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[34]. Għandha tintuża l-proċedura tal-eżami għall-istabbiliment tal-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, minħabba li dawk l-iskemi għandhom implikazzjonijiet sostanzjali. Il-Kummissjoni għandu jkollha bħala mira li tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni wara l-adozzjoni tal-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u kull meta jkun meħtieġ matul il-perjodu koperti mill-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tqis id-diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli.	***imħassar***

[34] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibni fuq il-konsultazzjonijiet mal-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli meta tħejji l-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni kull sentejn.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Kull skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni għandha tiddetermina liema regoli proċedurali standard għandhom japplikaw għall-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali fejn u kif xieraq biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tagħha.	(24) Kull skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni għandha tiddetermina liema regoli proċedurali standard għandhom japplikaw għall-implimentazzjoni tagħha. Barra minn hekk, għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali fejn u kif xieraq biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tagħha***, notevolment mal-UNHCR, l-IOM, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u organizzazzjonijiet rilevanti oħra***.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Persuni risistemati għandhom jingħataw protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali inklużi fl-acquis dwar l-ażil jenħtieġ li japplikaw mill-mument meta l-persuni risistemati jaslu fit-territorju tal-Istati Membri***, inklużi r-regoli biex jiġi skoraġġit il-moviment sekondarju ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali***.	(25) Persuni risistemati għandhom jingħataw protezzjoni internazzjonali ***bil-għan li tingħatalhom soluzzjoni dejjiema***. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali inklużi fl-acquis dwar l-ażil jenħtieġ li japplikaw mill-mument meta l-persuni risistemati jaslu fit-territorju tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25 a) Il-persuni risistemati għandu jkollhom l-istess aċċess għal miżuri ta' integrazzjoni bħal dawk li jgawdu benefiċjari oħra ta' protezzjoni internazzjonali skont il-Kapitolu VII Taqsima III tar-[Regolament dwar il-Kwalifika]. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni f'dawn il-miżuri ta' integrazzjoni obbligatorji biss jekk dawk il-miżuri jkunu faċilment aċċessibbli, disponibbli u bla ħlas.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Minħabba fil-kompetenza tal-UNHCR fl-iffaċilitar tal-forom differenti ta' ammissjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn pajjiżi terzi, fejn ikunu ġew spostati, lejn Stati Membri lesti li jaċċettawhom, il-UNHCR għandu ***jkompli*** jkollu ***rwol ewlieni fl-isforzi ta'*** risistemazzjoni mwettqa skont il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Flimkien mal-UNHCR, atturi internazzjonali oħra bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) għandhom jintalbu jassistu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.	(27) Minħabba fil-kompetenza tal-UNHCR fl-iffaċilitar tal-forom differenti ta' ammissjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn pajjiżi terzi, fejn ikunu ġew spostati, lejn Stati Membri lesti li jaċċettawhom, il-UNHCR għandu jkollu ***r-responsabbiltà primarja li jirreferi l-persuni eliġibbli għal*** risistemazzjoni mwettqa skont il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Flimkien mal-UNHCR, atturi internazzjonali oħra bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) għandhom jintalbu jassistu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) [L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] għandha tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni skont il-mandat tagħha.	(28) [L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] għandha tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni skont il-mandat tagħha ***u jekk tintalab tagħmel dan mill-Istati Membri.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil jista' jkollha rwol importanti għaż-żieda u l-faċilitazzjoni tal-kapaċitajiet ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri u l-kontribut tagħhom għall-isforzi ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, kif iddettaljat fl-Artikoli 10 u 12.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli li jippermetti konsultazzjonijiet aktar wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.	(29) Għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli li jippermetti konsultazzjonijiet aktar wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati kollha dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. ***Dan il-Kumitat għandu jallinja ħidmietu ma' dik ta' strutturi internazzjonali ta' risistemazzjoni, b'mod partikolari l-Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni u l-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR. Il-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli jenħtieġ li jfassal l-elementi ewlenin tal-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u l-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati differenti tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kapaċità tal-Istati Membri li jadottaw jew jimplimentaw ***l-iskemi nazzjonali ta' risistemazzjoni, li ma jipperikolawx l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, pereżempju fejn jikkontribwixxu numru addizzjonali ta' postijiet ta' risistemazzjoni għal*** skemi ***ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbiliti skont dan ir-Regolament li jmorru lil hinn mill-kontribuzzjoni tagħhom għan-numru massimu ta'***	(31) Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kapaċità tal-Istati Membri li jadottaw jew jimplimentaw skemi ***nazzjonali*** ta' risistemazzjoni.

persuni li għandhom jiġu risistemati skont il-pjan annwali ta' risistemazzjoni ***tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju tal-Istati Membri bil-għan li jingħataw protezzjoni internazzjonali.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fit-territorju tal-Istati Membri bil-għan li jingħataw protezzjoni internazzjonali ***u soluzzjoni dejjiema***.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "risistemazzjoni" tfisser l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn pajjiż terz minn fejn jew li fih ġew spostati ***fit-territorju tal-Istati Membri*** bil-għan li jingħataw protezzjoni internazzjonali.	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "risistemazzjoni" tfisser ***is-selezzjoni,*** l-ammissjoni ***u t-trasferiment*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn pajjiż terz minn fejn jew li fih ġew spostati ***lejn Stat Membru*** bil-għan li jingħataw protezzjoni internazzjonali ***u soluzzjoni dejjiema***.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprevedi l-wasla legali u ***sikura*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri;	(a) jipprevedi ***t-trasferiment u*** l-wasla legali u ***sikuri*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri ***bil-għan li jipprovdilhom soluzzjoni dejjiema***;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jikkontribwixxi għall-protezzjoni u għal soluzzjonijiet dejjiema għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat l-aktar vulnerabbli u li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, inklużi dawk f'sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkontribwixxi għat-tnaqqis fir-riskju ta' dħul irregolari fuq skala kbira ta' ċittadini ta' pajjiżi tersi u persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 78(1) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ażil trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati, u trattati rilevanti oħra. Dawn it-trattati huma bbażati fuq l-Artikolu 14 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, li tirrikonoxxi d-dritt tal-persuni li jfittxu l-ażil minn persekuzzjoni f'pajjiżi oħra. Ir-risistemazzjoni ma tistax tieħu post il-wasla spontanja ta' persuni jfittxu ażil fl-Unjoni Ewropea.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) iżid b'mod gradwali l-isforzi kollettivi ta' risistemazzjoni tal-Istati Membri u jappoġġja u jiffaċilita l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' persuni risistemati.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jikkontribwixxi għal inizjattivi internazzjonali ta' risistemazzjoni.	(c) jikkontribwixxi għal inizjattivi internazzjonali ta' risistemazzjoni***, fosthom permezz tal-użu strateġiku tar-risistemazzjoni, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The strategic use of resettlement has been defined by UNHCR as follows: "The planned use of resettlement in a manner that maximizes the benefits, directly or indirectly, other than

those received by the refugee being resettled. Those benefits may accrue to other refugees, the hosting State, other States or the international protection regime in general." The strategic use of resettlement should, for the purposes of this Framework, be understood as the use of resettlement in a in a manner that deliberately enhances protection on a broader scale. For UNHCR this has meant, for example, improving the protection conditions in the country of asylum, such as mitigating the risk of refoulement, or ensuring that appropriate documents are issued to asylum-seekers and refugees (e.g. Egypt, Turkey) or that UNHCR has access to refugees in detention (e.g. China and Libya). The strategic use of resettlement should not be understood as a tool for migration control. Potential difficulty in assessing the strategic use of resettlement in a specific situation should not be the basis for excluding a region or a country.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fid-determinazzjoni tar-reġjuni jew il-pajjiżi terzi minn fejn għandha sseħħ ir-risistemazzjoni fil-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-atti ***ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikoli 7 u 8, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin:	Fid-determinazzjoni tar-reġjuni jew il-pajjiżi terzi minn fejn għandha sseħħ ir-risistemazzjoni fil-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-atti ***delegati imsemmija*** fl-Artikoli 7 u 8, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin:

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***in-numru ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali spustati lejn pajjiż terz jew fih u kull moviment ulterjuri ta' dawk il-persuni lejn it-territorju tal-Istati Membri;***	(a) ***il-ħtiġijiet dinjija ta' risistemazzjoni kif dettaljati fid-dokument tal-UNHCR dwar il-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni, li jidentifika r-rifuġjati l-aktar vulnerabbli li jeħtieġu risistemazzjoni fid-dinja kollha;***

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kumplimentarjetà ma' assistenza finanzjarja u teknika provduta lill-pajjiżi terzi li lejhom jew fihom ġew spustati persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-punt huwa kopert fl-emenda ssuġġerita għall-paragrafu (d) f'dan l-Artikolu.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-relazzjonijiet globali tal-Unjoni mal-pajjiż jew pajjiżi terzi minn fejn isseħħ ir-risistemazzjoni, u ma' pajjiżi terzi inġenerali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Several stakeholders such as UNHCR, IOM, ECRE, IRC, Caritas, Red Cross, Amnesty International and many more have voiced their concerns about linking resettlement with third countries cooperation in migration matters as this moves away from resettlement as a protection tool to provide assistance to the most vulnerable refugees. The rapporteur strongly believe that the humanitarian essence of resettlement must be safeguarded, and that resettlement must continue to be based on the needs of the most vulnerable refugees. It is worth noting that UNHCR already views resettlement as the last alternative, meaning that when they assess a case all other alternatives have already been reviewed. Determining geographical priorities based on third countries cooperation in the area of migration and leveraging resettlement to reach foreign policy objectives would de facto jeopardize a humanitarian, needs-based and international protection approach.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***kooperazzjoni effettiva ta' pajjiż terz mal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, inklużi:***	(d) ***L-użu strateġiku tar-risistemazzjoni, bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet kollettivament u jittejbu l-ambjent tal-protezzjoni u s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiżi terzi, fosthom permezz tal-iżvilupp ta' sistema effettiva tal-asil u politiki għall-iżvilupp.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The strategic use of resettlement has been defined by UNHCR as follows: "The planned use of resettlement in a manner that maximizes the benefits, directly or indirectly, other than those received by the refugee being resettled. Those benefits may accrue to other refugees, the hosting State, other States or the international protection regime in general." The strategic use of resettlement should, for the purposes of this Framework, be understood as the use of resettlement in a strategic manner to enhance protection on a broader scale. For UNHCR this has meant, for example, improving the protection conditions in the country of asylum, such as mitigating the risk of refoulement, or ensuring that appropriate documents are issued to asylum-seekers and refugees (e.g. Egypt, Turkey) or that UNHCR has access to refugees in detention (e.g. China and Libya). The strategic use of resettlement should not, in any way, be understood as a tool for migration control. Potential difficulty in assessing the strategic use of resettlement in a specific situation should not be the basis for excluding a region or a country.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) it-tnaqqis fin-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri li jiġu minn dak il-pajjiż terz;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Several stakeholders such as UNHCR, IOM, ECRE, IRC, Caritas, Red Cross, Amnesty International and many more have voiced their concerns about linking resettlement with third countries cooperation in border control matters as this moves away from resettlement as a protection tool to provide assistance to the most vulnerable refugees. The rapporteur strongly believe that the humanitarian essence of resettlement must be safeguarded, and that resettlement must continue to be based on the needs of the most vulnerable refugees. Determining geographical priorities based on third countries cooperation in the area of migration control and leveraging resettlement to reach foreign policy objectives would de facto jeopardize a humanitarian, needs-based and international protection approach. Spontaneous arrivals will not be stopped by resettlement, and the only way to reduce the need for people to use irregular ways is to increase resettlement numbers and provide other legal pathways such as humanitarian visas, extended family reunification, humanitarian admission programmes, etc.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-użu tal-kunċetti tal-ewwel pajjiż tal-ażil u ta' pajjiż terz bla periklu għar-ritorn tal-applikanti għall-ażil li jkunu qasmu b'mod irregolari l-fruntiera fit-territorju tal-Istati Membri li jiġu minn jew għandhom konnessjoni mal-pajjiż terz ikkonċernat;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Several stakeholders such as UNHCR, IOM, ECRE, IRC, Caritas, Red Cross, Amnesty International and many more have voiced their concerns about linking resettlement with third countries cooperation in asylum and migration matters as this moves away from resettlement as a protection tool to provide assistance to the most vulnerable refugees. The rapporteur strongly believe that the humanitarian essence of resettlement must be safeguarded, and that resettlement must continue to be based on the needs of the most vulnerable refugees. Determining geographical priorities based on third countries cooperation in the area of migration and asylum and leveraging resettlement to reach foreign policy objectives would de facto jeopardize a humanitarian, needs-based and international solidarity and protection approach.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) iż-żieda fil-kapaċità għall-akkoljenza u l-protezzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li jgħixu f'dak il-pajjiż, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' sistema effettiva tal-ażil; or	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-punt huwa kopert fl-emenda ssuġġerita għall-paragrafu (d) f'dan l-Artikolu.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) iż-żieda fir-rata tar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jgħixu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri bħal permezz tal-konklużjoni u l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet ta' riammissjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Several stakeholders such as UNHCR, IOM, ECRE, IRC, Caritas, Red Cross, Amnesty International and many more have voiced their concerns about linking resettlement with third countries cooperation in asylum and migration matters as this moves away from resettlement as a protection tool to provide assistance to the most vulnerable refugees. The rapporteur strongly believe that the humanitarian essence of resettlement must be safeguarded, and that resettlement must continue to be based on the needs of the most vulnerable refugees. Determining geographical priorities based on third countries cooperation in the area of migration and leveraging resettlement to reach foreign policy objectives would de facto jeopardize a humanitarian, needs-based and international protection approach.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iskala u l-kontenut tal-impenji għar-risistemazzjoni mwettqa minn pajjiżi terzi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbilti skont l-Artikolu 8:	***Huma biss*** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ġejjin ***li*** għandhom ikunu eliġibbli għal skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbilti skont l-Artikolu 8:

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) (i) ċittadini ta' pajjiżi terzi, li, minħabba biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni abbażi ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari, huma barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità jew il-parti ta' dak il-pajjiż li fih għexu abitwalment qabel, u ma jistgħux jew, minħabba din il-biża', ma jixtiqux jibbenefikaw mill-protezzjoni ta'	(a) (i) ċittadini ta' pajjiżi terzi, li, minħabba biża' ġustifikata ta' persekuzzjoni abbażi ta' razza, ***ġeneru, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru,*** reliġjon, nazzjonalità***, orjentazzjoni sesswali***, opinjoni politika jew sħubija fi grupp soċjali partikolari, huma barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità jew il-parti ta' dak il-pajjiż li fih għexu abitwalment qabel, u ma

dak il-pajjiż, jew persuni mingħajr stat, li, billi huma barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel jew il-parti ta' dak il-pajjiż li fiha għexu abitwalment qabel, għall-istess raġunijiet imsemmija hawn fuq, ma jistgħux jew, minħabba din il-biża', ma jixtiqux jirritornaw fih jew jgħixu fih, jew, fl-assenza ta' dan,	jistgħux jew, minħabba din il-biża', ma jixtiqux jibbenefikaw mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż, jew persuni mingħajr stat, li, billi huma barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel jew il-parti ta' dak il-pajjiż li fiha għexu abitwalment qabel, għall-istess raġunijiet imsemmija hawn fuq, ma jistgħux jew, minħabba din il-biża', ma jixtiqux jirritornaw fih jew jgħixu fih, jew, fl-assenza ta' dan,

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jaqgħu tal-inqas f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:	(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li ***jissodisfaw il-kriterji f'punt (a) u li barra minn hekk*** jaqgħu tal-inqas f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- persuni bi bżonnijiet legali u/jew ta' protezzjoni fiżika;	- persuni bi bżonnijiet ta' protezzjoni legali u/jew fiżika, ***inklużi dawk li jħabbtu wiċċhom ma' theddida ta' refoulement;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem tal-kriterji tas-Sottomissjoni tar-Risistemazzjoni tal-UNHCR.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- persuni b'vulnerabbiltà soċjoekonomika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt i – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- persuni f'sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati li għalihom mhemmx soluzzjonijiet alternattivi dejjiema oħra prevedibbli;

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt ii – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jew ċittadini tal-Unjoni li jgħixu legalment fi Stat Membru:	(ii) ***f'każijiet fejn ma jeżistux mezzi legali oħra biex jidħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, fosthom taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE[1a],*** membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jew ċittadini tal-Unjoni li jgħixu legalment fi Stat Membru:
	[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L

251, 3.10.2003, p. 12–18).

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt ii – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- il-konjuġi jew is-sieħeb mhux miżżewweġ f'relazzjoni stabbli, ***fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta lill-koppji mhux miżżewġa b'mod paragunabbli għal koppji miżżewġa skont il-liġi tiegħu li tirrigwardja ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat***;	- il-konjuġi jew is-sieħeb mhux miżżewweġ f'relazzjoni stabbli;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt ii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- it-tfal minorenni ta' koppji li jirreferi għalihom l-ewwel inċiż jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li għandhom jiġu risistemati, ***fuq il-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u*** irrispettivament minn jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew humiex adottati kif iddefinit fil-liġi nazzjonali;	- it-tfal minorenni ta' koppji li jirreferi għalihom l-ewwel inċiż jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li għandhom jiġu risistemati, irrispettivament minn jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew humiex adottati kif iddefinit fil-liġi nazzjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li r-rapporteur tifhem li l-intenzjoni ta' dawn il-kelmiet hi li ma jiġix appoġġjar iż-żwieġ tal-minorenni, hemm sogru li l-vittmi ta' żwieġ tal-minorenni jkomplu jiġu ikkastigati

billi tiġi rifjutata ir-risistemazzjoni tagħhom.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b – punt ii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni ***mhux miżżewweġ*** li se jiġi risistemat, kemm skont il-liġi kif ukoll skont il-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult huwa preżenti;	- il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni li se jiġi risistemat, kemm skont il-liġi kif ukoll skont il-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult huwa preżenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li r-rapporteur tifhem li l-intenzjoni ta' dawn il-kelmiet hi li ma jiġix appoġġjar iż-żwieġ tal-minorenni, hemm sogru li l-vittmi ta' żwieġ tal-minorenni jkomplu jiġu ikkastigati billi tiġi rifjutata ir-risistemazzjoni tagħhom.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ***ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1D tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951***, ***li jirrigwardja l-protezzjoni jew l-assistenza minn organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti oħra għajr il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati ("UNHCR")***;	(c) ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ***jissodisfaw il-kriterji fil-punt (a) u (b) u li barra minn hekk***, ***skont l-Artikolu 1d (2) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951, huma intitolati għall-benefiċċji ta' dik il-Konvenzjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 1D of the 1951 Geneva Convention contains both an exclusion and an inclusion clause. It excludes from the scope of that convention those persons who are at present

receiving protection or assistance from an organ or agency of the United Nations other than UNHCR. It follows from the clear wording of Article 1D of the Geneva Convention that only those persons who have actually availed themselves of the assistance provided by UNRWA come within the clause excluding refugee status set out therein, which must, as such, be construed narrowly and cannot therefore also cover persons who are or have been eligible to receive protection or assistance from that agency. The second paragraph of Article 1D of the Geneva Convention includes persons for whom protection or assistances as referred to in the exclusion clause has ceased for any reason. The aim of Article 1D of the Geneva Convention is to avoid overlapping competencies between UNRWA and UNHCR, and, in conjunction with UNHCR's Statute, ensures the continuity of protection and assistance to Palestinian refugees as necessary. For the purpose of this Framework, reference is only made to Paragraph 2 of Article 1D, i.e. the inclusion clause.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ma ġewx rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih huma preżenti jew fejn qed jgħixu bħala li għandhom id-drittijiet u l-obbligi li huma marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta' dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għal dawk.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu jirreferi għall-Artikolu 1e tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, li hi klawżola ta'esklużjoni. Għaldaqstant mhux ċar għalfejn ġiet inkluża fil-kriterji ta' eleġibbiltà ta' dan il-Qafas.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unità tal-familja ***tkun tista'*** tinżamm ***bejn***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-unità tal-familja tinżamm ***fil-prattiki***

persuni msemmija fil-punt (b)(ii).	***kollha ta' risistemazzjoni***.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuni li għalihom hemm raġunijiet ***raġonevoli*** biex jiġi kkunsidrat li:	(a) persuni li għalihom hemm raġunijiet ***serji*** biex jiġi kkunsidrat li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem tal-Artikolu 1(f) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) huma jkunu kkommettew delitt serju;	(ii) huma jkunu kkommettew delitt serju ***mhux politiku***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem tal-Artikolu 1(f) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) persuni li għalihom hemm raġunijiet raġonevoli biex jiġi kunsidrat li huma periklu għall-komunità, il-politika pubblika, is-sigurtà, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istat Membru li qed jeżamina l-fajl ta' risistemazzjoni, inkluż fejn Stat Membru ieħor ikun talab lill-Istat Membru li qed jeżamina l-fajl ta' risistemazzjoni biex jikkonsulta lil dak it-tieni Stat Membru matul l-eżami fir-rigward ta' ċittadini speċifiċi ta' pajjiż terzi jew persuni mingħajr stat jew kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, fejn dak it-tieni Stat Membru jkun oġġezzjona għar-risistemazzjoni tagħhom għal dawn ir-raġunijiet;	***Imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to Article 78(1) TFEU, the Union's asylum policy must be in accordance with the Geneva Convention of 28 July 1951 and the Protocol of 31 January 1967 relating to the status of refugees, and other relevant treaties. Since the term exclusion has a distinct meaning in the context of international refugee protection, which strictly relates to individuals who may be undeserving of international protection, the rapporteur has chosen to follow the exclusion clauses as set out in Article 1(F) of the Geneva Convention. Additional exclusion clauses such as this one blurs the lines between exclusion and ineligibility.

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li ġew rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li huma preżenti fih jew li qed jgħixu fih bħala li għandhom id-drittijiet u l-obbligi li huma marbuta mal-pussess tan-nazzjonalità ta'

dak il-pajjiż, jew drittijiet u obbligi ekwivalenti għalihom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem tal-Artikolu 1(E) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-rifuġjati.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) persuni li għalihom tkun inħarġet twissija fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen jew f'bażi tad-dejta nazzjonali ta' Stat Membru għall-finijiet li jiġi rifjutat id-dħul;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to Article 78(1) TFEU, the Union's asylum policy must be in accordance with the Geneva Convention of 28 July 1951 and the Protocol of 31 January 1967 relating to the status of refugees, and other relevant treaties. Since the term exclusion has a distinct meaning in the context of international refugee protection, which strictly relates to individuals who may be undeserving of international protection, the rapporteur has chosen to follow the exclusion clauses as set out in Article 1(F) of the Geneva Convention. Additional exclusion clauses such as this one blurs the lines between exclusion and ineligibility.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) persuni li jkunu għexu b'mod irregolari, daħlu b'mod irregolari, jew ipprovaw jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri matul il-	***imħassar***

ħames snin qabel ir-risistemazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to Article 78(1) TFEU, the Union's asylum policy must be in accordance with the Geneva Convention of 28 July 1951 and the Protocol of 31 January 1967 relating to the status of refugees, and other relevant treaties. Since the term exclusion has a distinct meaning in the context of international refugee protection, which strictly relates to individuals who may be undeserving of international protection, the rapporteur has chosen to follow the exclusion clauses as set out in Article 1(F) of the Geneva Convention. Additional exclusion clauses such as this one blurs the lines between exclusion and ineligibility. Furthermore, persons are often compelled to undertake irregular journeys because of their vulnerability and the lack of a foreseeable alternative durable solution. Excluding persons for that very reason runs a high risk of excluding people in dire need of protection. In addition, a person's protection situation can change under a period of five years, e.g. a war could outbreak in his/her country or the person could be forced into a marriage, such a broad exclusion hamper to take into account the new situation of the person and could lead to a denial of protection.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) persuni li jkunu diġà ġew risistemati minn Stat Membru ieħor fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill 11097/15 tal-20 ta' Lulju 2015, ***id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9490 tal-15 ta' Diċembru 2015,*** jew skema nazzjonali ta' ristemazzjoni; u	(e) persuni li jkunu diġà ġew risistemati minn Stat Membru ieħor fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill 11097/15 tal-20 ta' Lulju 2015, jew skema nazzjonali ta' ristemazzjoni; u

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) persuni li l-Istati Membri jkunu rrifjutaw li jirrisistemaw matul l-aħħar ħames snin qabel ir-risistemazzjoni skont dan il-paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jista' jkollhom raġunijiet speċifiċi ħafna għalfejn jirrifjutaw li jirrisistemaw persuna, pereżempju l-fatt li persuna jaf ikollha kundizzjoni medika li ma tistax tiġi ttrattata f'dak l-Istat Membru għal diversi raġunijiet. Din m'għandhiex tkun raġuni għall-esklużjoni ta' persuni vulnerabbli mill-Istati Membri kollha.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jistgħu jiġu esklużi mill-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbiliti skont l-Artikolu 8, meta waħda mir-raġunijiet għall-esklużjoni msemmija fil-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1 tkun tapplika prima facie.	***imħassar***

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjan ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni	Pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni ***ta' kull sentejn***

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni***, ***il-Kunsill għandu jadotta pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni fis-sena*** ta' ***qabel dik li fiha għandu jiġi implimentat***.	1. ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati kull sentejn***, ***skont l-Artikolu 14 li jissupplimenta lil dan ir-Regolament, sabiex tistabbilixxi pjan*** ta' ***risistemazzjoni tal-Unjoni, skont il-paragrafi li ġejjin***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 huma marbuta mill-qrib ma' xulxin bħala proċeduri tekniċi qabel ma sseħħ ir-risistemazzjoni. Ir-rapporteur tissuġġerixxi li jiġu emendati l-Artikoli biex dan jiġi rifless aħjar billi tissuġġerixxi setgħat delegati fuq iż-żewġ Artikoli. Apparti ċ-ċarezza, din il-bidla tagħmel il-proċeduri tekniċi aktar trasparenti, u tiżgura aktar setgħa għall-Istati Membri fl-iskemi mmirati, li hu meqjus importanti peress li l-Istati Membri ser jimplimentawhom.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-pjanijiet ta' risistemazzjoni tal-Unjoni huma mibnija fuq konsultazzjonijiet mal-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli u bbażati fuq il-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 2 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-pjan ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jinkludi:	2. Il-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jinkludi:

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***in-numru totali massimu*** ta' persuni li għandhom jiġu risistemati;	(a) ***għadd mira*** ta' persuni li għandhom jiġu risistemati ***li jirrifletti minimu ta' 25% tal-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Europe has 23.8% of the world's GDP, yet EU Member States host only around 8% of the world's refugees. This places a disproportionate burden on developing countries, which host the vast majority. 22 European countries resettled 13,040 persons in 2015 (9,629 to 17 EU Member States), with Europe contributing, on average, approximately 10 per cent to global resettlement intakes over the past five years. By contrast, that same year, the U.S. resettled 69,933 refugees. In order for an EU Resettlement Framework to add value, it needs to increase both the quality and the quantity of resettlement to the Union. If we want to reduce the need for dangerous journeys, reduce loss of lives and reliance on smuggling networks, this will only become a reality when the number of places offered is credible and meaningful. Therefore, the rapporteur suggests to increase the number of resettlement places reflecting the EUs responsibility as a global region with the capacity to do so.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-pjan ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għan-numru totali ta' persuni li għandhom jiġu risistemati.	(b) dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għan-numru totali ta' persuni li għandhom jiġu risistemati.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) prijoritajiet ġeografiċi globali.	(c) prijoritajiet ġeografiċi globali ***bbażati fuq id-dokument tal-Ħtiġijiet Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR***.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) kwota ta' emerġenza mhux allokata, kif imsemmi fl-Artikolu 11a, biex jitqiesu każijiet urġenti u ta' emerġenza, indipendentement mill-prijoritajiet ġeografiċi identifikati taħt il-punt c.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' kwota ta' emerġenza speċifika fil-pjanijiet ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, li mhuwiex marbut ma' reġjuni jew popolazzjonijiet ta' prijorità, iservi bħala rispons għal każijiet ta' emerġenza u urġenti fuq livell dinji, li għalihom bħalissa hemm nuqqas sinifikanti ta' postijiet disponibbli.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni konsistenti mal-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni adottat skont l-Artikolu 7. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu15(2).***	1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14***,*** li jissupplimentaw dan ir-Regolament***, sabiex jiġu stabbiliti*** skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni konsistenti mal-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni adottat skont l-Artikolu 7, ***skont il-paragrafu 2.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 huma marbuta mill-qrib ma' xulxin bħala proċeduri tekniċi qabel ma sseħħ ir-risistemazzjoni. Ir-rapporteur tissuġġerixxi li jiġu emendati l-Artikoli biex dan jiġi rifless aħjar billi tissuġġerixxi setgħat delegati fuq iż-żewġ Artikoli. Apparti ċ-ċarezza, din il-bidla tagħmel il-proċeduri tekniċi aktar trasparenti, u tiżgura aktar setgħa għall-Istati Membri fl-iskemi mmirati, li hu meqjus importanti peress li l-Istati Membri ser jimplimentawhom.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru preċiż ta' persuni li għandhom jiġu risistemati min-numru ***totali massimu*** kif stabbilit fil-pjan ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni previst ***fi-punt*** (a) tal-Artikolu 7(2) u	(b) in-numru preċiż ta' persuni li għandhom jiġu risistemati min-numru ***mira*** kif stabbilit fil-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni previst ***f'punt*** (a) tal-Artikolu 7(2) u dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati

dettalji dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni;	Membri fl-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-ispeċifikazzjoni tar-reġjuni jew il-pajjiżi terzi minn fejn se sseħħ ir-risistemazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 4;	(c) l-ispeċifikazzjoni tar-reġjuni jew il-pajjiżi terzi minn fejn se sseħħ ir-risistemazzjoni ***skont l-Artikolu 7.2(c) u*** kif imsemmi fl-Artikolu 4;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fejn meħtieġ, arranġamenti ta' koordinazzjoni lokali u kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri, appoġġjati ***minn*** [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] skont l-Artikolu 12(3), u ma' pajjiżi terzi, u ***l-UNHCR jew imsieħba*** oħra;	(d) fejn meħtieġ, arranġamenti ta' koordinazzjoni lokali u kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri, appoġġjati ***mill-UNHCR u, meta dan jintalab mill-Istati Membri,*** [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] skont l-Artikolu 12(3), u ma' pajjiżi terzi, u ***sħab*** oħra;

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) deskrizzjoni tal-grupp jew gruppi speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li għalihom għandha tapplika l-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni;	(e) deskrizzjoni tal-grupp jew gruppi speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat***, ibbażati fuq il-pubblikazzjoni tal-Ħtiġijiet Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR u ggwidati mill-kategoriji ta' sottomissjonijiet għal risistemazzjoni kif stabbiliti fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 5,*** li għalihom għandha tapplika l-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk il-proċedura ordinarja stabbilita fl-Artikolu 10 jew il-proċedura mħaffa stabbilita fl-Artikolu 11 għandhomx jiġu applikati ***filwaqt li jiġi speċifikat fejn meħtieġ kif l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat għandhom jitwettqu u l-perjodu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-risistemazzjoni;***	(f) jekk il-proċedura ordinarja stabbilita fl-Artikolu 10 jew il-proċedura mħaffa stabbilita fl-Artikolu 11 għandhomx jiġu applikati***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-iskemi, u għaldaqstant għandhom ikunu l-Istati Membri li jispeċifikaw kif għandhom isiru l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni. Il-qafas taż-żmien għat-teħid ta' deċiżjoni hu kopert diġà f'punt (g) ta' dan l-Artikolu.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-proċeduri ta' risistemazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jkunu taw il-kunsens tagħhom biex jiġu risistemati ***u ma jkunux irtiraw sussegwentement il-kunsens tagħhom, inkluż ir-riffut ta' risistemazzjoni fi Stat Membru partikolari***.	***Ir-risistemazzjoni taħt dan ir-Regolament għandha tapplika*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li jkunu taw il-kunsens tagħhom biex jiġu risistemati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-elenkar ta' raġunijiet ta' esklużjoni f'dan l-artikolu joħloq konfużjoni, għax ir-raġunijiet ta' esklużjoni huma ttrattati fl-Artikolu 6.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-implimentazzjoni ta' skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ***jidentifikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat u jivvalutaw jekk dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*** jew ***persuni mingħajr stat jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni***.	Fl-implimentazzjoni ta' skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ***primarjament jiddependu fuq l-identifikazzjoni u s-sottomissjoni tal-każijiet mill-UNHCR. Atturi oħra għall-identifikazzjoni jistgħu jkunu l-Istati Membri jew organizzazzjonijiet rilevanti.*** ***L-Istati Membri għandhom imbagħad jivvalutaw jekk dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-għajnuna mingħand [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].***

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-proċedura ordinarja, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-UNHCR, jew fejn applikabbli, [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew korpi internazzjonali rilevanti oħra, jivvalutaw għalkollox:
	(a) li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni; u
	(b) li jidħlu f'waħda mill-kategoriji għas-sottomissjoni ta' risistemazzjoni kif stabbilit fil-punt (b) (i) tal-Artikolu 5 u r-raġuni għall-valutazzjoni.
	L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll lill-UNHCR jivvaluta għalkollox jekk ċittadini ta' pajjiż terzi jew persuni mingħajr stat riferuti lilhom mill-UNHCR jikkwalifikawx bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għaċ-ċarezza, l-Artikolu 10.8, b'xi emendi, ġie spostat u mdaħħal fl-Artikolu 10.1 li jiddeskrivi l-proċedura fid-dettall.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza inter alia lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat permezz ta':	***imħassar***
(a) rabtiet familjari ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jew ċittadini tal-Unjoni li qed jgħixu legalment fi Stat Membru;	
(b) rabtiet soċjali jew kulturali, jew karatteristiċi oħra li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni fl-Istat Membru parteċipanti, sakemm dan ikun mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, mingħajr preġudizzju għal differenzi fit-trattament meħtieġa għall-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu;	
(c) bżonnijiet ta' protezzjoni jew vulnerabbiltajiet partikolari .	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Preferential treatment of any particular class or group of refugees, for whatever reason, will come at the expense of appropriate treatment for other persons who, from an objective humanitarian perspective, are equally deserving. The international community has therefore laid down, in the Geneva Convention of 28 July 1951 Relating to the Status of Refugees, binding rules of international humanitarian law that delineate who, in what circumstances, is to be treated as a refugee and how they are to be cared for. All EU Member States are signatories to that Convention. With this background, it is directly unsuitable to include "integration potential" in this Regulation.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Wara l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja għal dawk li għalihom għandhom l-intenzjoni li jwettqu l-proċedura ta' risistemazzjoni:	***imħassar***
(a) l-isem, id-data tat-twelid, il-ġeneru, in-nazzjonalità u dettalji personali oħra	
(b) il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u x-xbieha tal-wiċċ ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollhom mill-inqas sitt snin.	
(c) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivjaġġjar taċ-ċittadin tal-pajjiż terz; u	
(d) id-data tar-reġistrazzjoni, il-post fejn issir ir-reġistrazzjoni u l-awtorità li tagħmel ir-reġistrazzjoni.	
Dejta addizzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 tista' tingħabar ukoll fil-ħin tar-reġistrazzjoni.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu ġie spostat u mpoġġi wara l-paragrafi 3 u 4 peress li l-valutazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità u tal-kawżi ta' esklużjoni hi meħtieġa qabel issir ir-reġistrazzjoni ta' benefiċjarji potenzjali. Altrimenti jeżisti riskju li każijiet li qatt ma setgħu jkunu eleġibbli jiġu reġistrati, u dan joħloq kemm piż amministrattiv żejjed fuq l-Istati kif ukoll aspettattivi foloz.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jagħmlu dik il-valutazzjoni abbażi ta' evidenza dokumentarja, inkluż, fejn applikabbli,	L-Istati Membri għandhom jagħmlu dik il-valutazzjoni ***b'mod partikolari*** abbażi ta' evidenza dokumentarja, inkluż, fejn

informazzjoni mill-UNHCR dwar jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr stat jikkwalifikawx bħala rifuġjati jew abbażi ta' intervista personali jew kombinazzjoni tat-tnejn.	applikabbli, informazzjoni mill-UNHCR dwar jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr stat jikkwalifikawx bħala rifuġjati jew abbażi ta' intervista personali jew kombinazzjoni tat-tnejn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Lista eżawrjenti ta' kif l-Istati Membri għandhom jagħmlu valutazzjoni tissogra li tikser il-prinċipju tal-produzzjoni libera tal-evidenza u l-analiżi libera tal-evidenza.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni dwar ir-risistemazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn tmien xhur mir-reġistrazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien ***ta' tmien xhur*** b'perjodu ta' mhux aktar minn erba' xhur, fejn huma involuti kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew liġi.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni dwar ir-risistemazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn tmien xhur mir-reġistrazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien b'perjodu ta' mhux aktar minn erba' xhur, fejn huma involuti kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew liġi.

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fejn tittieħed deċiżjoni pożittiva, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni, fejn disponibbli, ta' dawk li għalihom għandhom l-intenzjoni li

jwettqu l-proċedura ta' risistemazzjoni:

(a) l-isem, id-data tat-twelid, il-ġeneru u n-nazzjonalità;

(b) il-marki tas-swaba' tas-swaba' kollha u x-xbieha tal-wiċċ ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat;

(c) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew dokument tal-ivjaġġjar taċ-ċittadin tal-pajjiż terz; u

(d) id-data tar-reġistrazzjoni, il-post fejn issir ir-reġistrazzjoni u l-awtorità li tagħmel ir-reġistrazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa l-paragrafu 2 oriġinali (b'xi emendi żgħar) li spostjajna u poġġejna wara l-paragrafi 3 u 4 peress li l-valutazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità u tal-kawżi ta' esklużjoni hi meħtieġa qabel ir-reġistrazzjoni ta' benefiċjarji potenzjali. Altrimenti jeżisti riskju li każijiet li qatt ma setgħu jkunu eleġibbli jiġu reġistrati, u dan joħloq kemm piż amministrattiv żejjed fuq l-Istati kif ukoll aspettattivi foloz.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, l-Istati Membri għandhom iħassru d-dejta. L-Istati Membri għandhom iħassru dejta relatata ma' persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu ***malli l-Istat Membru jsir konxju li l-persuna kkonċernata tkun akkwistat dik iċ-ċittadinanza***.	Mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, l-Istati Membri għandhom iħassru d-dejta. L-Istati Membri għandhom iħassru dejta relatata ma' persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn tittieħed deċiżjoni negattiva, ma għandha sseħħ l-ebda risistemazzjoni tal-persuna kkonċernata.	6. Fejn tittieħed deċiżjoni negattiva, ma għandha sseħħ l-ebda risistemazzjoni tal-persuna kkonċernata ***lejn l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni. Ir-raġuni għar-rifjut għandha tiġi komunikata lill-UNHCR jew organizzazzjonijiet oħra li jkunu għamlu s-sottomissjoni għas-segwitu skont il-każ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-UNHCR jinkoraġixxi lill-Istati biex jikkomunikaw ir-raġunijiet għar-rifjut, li jaf ikunu relatati ma' kwistjonijiet oħra u mhux l-eliġibbiltà. L-informazzjoni dwar il-motivazzjoni tal-Istati Membri tippermetti lill-UNHCR biex, pereżempju, jikkjarifika mistoqsijiet miftuħa, jikkunsidra sottomissjonijiet mill-ġdid lil pajjiż ta' risistemazzjoni ieħor (inkluż pajjiżi mhux Ewropej), jew għal segwitu dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni, skont il-ħtieġa.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jagħti status ta' rifuġjat fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernati jikkwalifikaw bħala rifuġjat jew għal status ta' protezzjoni sussidjara fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernati jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. L-Istat Membru għandu jinnotifika liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernata dwar dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni li jingħata status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja għandu jkollha l-istess effett bħal deċiżjoni li jingħata status ta' rifuġjat jew li jingħata status ta' protezzjoni	(a) jagħti status ta' rifuġjat fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernati jikkwalifikaw bħala rifuġjat jew għal status ta' protezzjoni sussidjara fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernati jkunu eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja. L-Istat Membru għandu jinnotifika liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr stat ikkonċernata dwar dik id-deċiżjoni ***u jinfurmah bid-drittijiet li jikkonferixxi dan l-istatus***. Id-deċiżjoni li jingħata status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja għandu jkollha l-istess effett bħal deċiżjoni li jingħata status

sussidjarja msemmija ***fl-Artikoli 13 u 19 tar-Regolament*** (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika], ladarba l-persuna kkonċernata tkun daħlet fit-territorju ta' Stat Membru;	ta' rifuġjat jew li jingħata status ta' protezzjoni sussidjarja msemmija ***fir-Regolament*** (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika], ladarba l-persuna kkonċernata tkun daħlet fit-territorju ta' Stat Membru; ***L-Istati Membri jistgħu joħorġu permessi ta' residenza b'validità permanenti jew illimitata fuq termini b'termini li huma aktar favorevoli, kif imsemmi fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[1a].***
	[1a] Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44–53.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bażi tar-risistemazzjoni bħala soluzzjoni dejjiema hi li l-istati huma mistennija li jipprovdu lil persuni risistemati b'residenza permanenti. Residenza ta' sena jew tliet snin jew saħansitra ħames snin ma tistax titqies bħala soluzzjoni dejjiema. Għaldaqstant, huwa vitali li l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan ikunu jistgħu joffru residenzi aktar favorevoli minn dawk issuġġeriti fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika].

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 7 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) joffri programm ta' orjentazzjoni qabel it-tluq liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, li jista' jinkludi informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, klassijiet tal-lingwa, u informazzjoni dwar l-ambjent soċjali, kulturali u politiku tal-Istat Membru.	(c) joffri programm ta' orjentazzjoni qabel it-tluq liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, li jista' jinkludi informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, klassijiet tal-lingwa, u informazzjoni dwar l-ambjent soċjali, kulturali u politiku tal-Istat Membru. ***Dawn il-programmi jistgħu jiġu pprovduti wara d-dħul.***

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-proċedura ordinarja, qabel ma jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-UNHCR, jew fejn applikabbli, [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] jew korpi internazzjonali rilevanti biex jirreferulhom ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat li fir-rigward tagħhom dawk l-entitajiet ikunu vvalutaw b'mod sħiħ:	***imħassar***
(a) jekk jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni; u	
(b) jekk jaqgħux f'xi waħda mill-kategoriji ta' vulnerabbiltà stabbiliti fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 5.	
L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-UNHCR jivvaluta b'mod sħiħ jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat riferuti lilhom mill-UNHCR jikkwalifikawx bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951.	
L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll li jitqiesu, fost l-oħrajn, il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 1.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu tmexxa u żdied mal-Artikolu 10.1 għax it-tnejn jiddeskrivu l-proċedura.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 biex jiġu supplimentati l-elementi msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, sabiex il-proċedura ta' risistemazzjoni tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi fil-pajjiż terz minn fejn isseħħ ir-risistemazzjoni fejn ikun meħtieġ.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux ċara x'jista' jkun l-għan u l-ambitu ta' dawn l-atti delegati, li jirrigwardaw speċifikament il-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet f'każ ta' risistemazzjoni, u għalfejn ma setgħux jintlaħqu b'mezzi oħra. L-Artikolu 10 jipprovdi biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex jadattaw il-proċedura kif meħtieġ biex jimplimentaw b'suċċess il-paragrafi 1 sa 4.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***ma għandhomx jivvalutaw*** jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr stat jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 5;	(1) ***jistgħu ma jivvalutawx*** jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew il-persuni mingħajr stat jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 5;

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***għandhom*** jagħtu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew lill-persuni mingħajr stat ikkonċernati l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja.	(4) ***jistgħu*** jagħtu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jew lill-persuni mingħajr stat ikkonċernati l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ***jekk il-valutazzjoni għall-għoti tal-istatus ta' rifuġjat ma tkunx kompluta fil-limiti taż-żmien skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Proċedura ta' emerġenza
	Fejn l-att delegat tal-Kummissjoni li jadotta pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni jipprevedi proċedura ta' emerġenza, mhux marbuta ma' reġjuni jew popolazzjonijiet partikolari, għal każijiet fejn l-immedjatezza tar-riskji għas-sigurtà ta' ċerti persuni jew is-severità tal-kundizzjoni medika tagħhom ikunu jeħtieġu t-tneħħija immedjata tagħhom mill-kundizzjonijiet ta' periklu fi żmien qasir ħafna, b'deroga mill-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom:
	1) jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu proċedura rapida għal każijiet urġenti u ta' emerġenza, jekk tali proċedura ma teżistix diġà;
	2) jispeċifikaw għadd speċifiku ta' postijiet mhux marbuta ma' reġjuni jew popolazzjonijiet partikolari li jistgħu jibbenefikaw minn din il-proċedura;
	3) jirċievu sottomissjonijiet ta' każijiet ta' risistemazzjoni urġenti jew ta' emerġenza mingħand il-UNHCR u li

għalihom l-immedjatezza tar-riskji għas-sigurtà jew is-severità tal-kundizzjoni medika teħtieġ it-tneħħija tagħhom mill-kundizzjonijiet ta' periklu fi żmien qasir ħafna;

4) iħaffu l-aġġudikazzjoni jekk ir-rifuġjat jew il-persuni mingħajr stat jissodisfawx ir-rekwiżiti u l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan il-qafas taħt l-Artikolu 5, u;

5) jimmiraw li jieħdu deċiżjoni fi żmien ġimagħtejn mis-sottomissjoni ta' każ u jiżguraw it-trasferiment immedjat tać-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' kwota u proċedura ta' emerġenza speċifiċi fil-pjanijiet ta' risistemazzjoni tal-Unjoni, li mhumiex marbuta ma' reġjuni jew popolazzjonijiet ta' prijorità, iservu bħala rispons għal każijiet ta' emerġenza u urġenti globalment, li għalihom bħalissa hemm nuqqas sinifikanti ta' postijiet disponibbli.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt nazzjonali u jistgħu jiddeċiedu li jaħtru uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi.	1. Biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-iskemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt nazzjonali u jistgħu jiddeċiedu li jaħtru uffiċjali ta' kollegament f'pajjiżi terzi. ***L-Istati Membri jistgħu jiġu assistiti minn [L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], u, fejn huwa adatt, jużaw l-istrutturi eżistenti għall-kooperazzjoni operazzjonali dwar ir-risistemazzjoni.***

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Biex jiġu implimentati skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, u b'mod partikolari biex jitwettqu programmi ta' orjentazzjoni qabel it-tluq, kontrolli mediċi biex ikun żgurat li l-persuna tkun f'kundizzjoni li tivvjaġġa, arranġamenti tal-ivjaġġjar u arranġamenti prattiċi oħra, l-Istati Membri jistgħu jiġu assistiti ***minn*** sħab skont l-arranġamenti ta' koordinazzjoni lokali u kooperazzjoni prattika għal skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbiliti skont il-punt (d) tal-Artikolu 8(2).	3. Biex jiġu implimentati skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni, u b'mod partikolari biex jitwettqu programmi ta' orjentazzjoni qabel it-tluq, kontrolli mediċi biex ikun żgurat li l-persuna tkun f'kundizzjoni li tivvjaġġa, arranġamenti tal-ivjaġġjar u arranġamenti prattiċi oħra, l-Istati Membri jistgħu jiġu assistiti ***mill-IOM u*** sħab ***oħra*** skont l-arranġamenti ta' koordinazzjoni lokali u kooperazzjoni prattika għal skemi ta' risistemazzjoni mmirati tal-Unjoni stabbiliti skont il-punt (d) tal-Artikolu 8(2).

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli, kompost minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ***ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà***, ***u l-Istati Membri.*** [L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], ***il-UNHCR,*** u ***l-IOM jistgħu jiġu mistiedna***. Rappreżentanti tal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, u l-Iżvizzera għandhom jiġu mistiedna biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli fejn ikunu indikaw l-intenzjoni tagħhom li jiġu assoċjati mal-	1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli, kompost minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ***l-Istati Membri, il-UNHCR***, [L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], ***IOM*** u ***organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn tas-soċjetà ċivili***. Rappreżentanti tal-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, u l-Iżvizzera għandhom jiġu mistiedna biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli fejn ikunu indikaw l-intenzjoni tagħhom li jiġu assoċjati mal-implimentazzjoni tal-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

implimentazzjoni tal-pjan annwali ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

Wara l-konsultazzjonijiet annwali tripartitiċi dwar ir-risistemazzjoni(ATRC) u l-pubblikazzjoni tal-Ħtiġijiet Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni tal-UNHCR, il-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli għandu jiltaqa' biex jispeċifika l-komponenti ewlenin tal-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni kif ukoll id-diversi skemi mmirati ta' risistemazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 10(9)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat mid-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament***.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 7 u 8*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***erba' snin minn ... [id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' dan ***ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar id-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi delega tas-setgħa għal tul ta' żmien indefinit. L-għażla ta' perjodu ta' żmien determinat (4 snin) li jista' jiġi estiż taċitament tippermetti obbligu ta' rappurtar, mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin, u ż-żewġ koleġiżlaturi jista' jkollhom ħarsa ġenerali u valutazzjoni dwar kif id-delega tas-setgħa kienet

qed taħdem fil-prattika.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu 10(9)*** tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att ***iddelegat*** diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 7 u 8*** tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att ***delegat*** diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 10(9)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 7 u 8*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera għandhom ikunu mistiedna li jkunu assoċjati mal-implimentazzjoni tal-pjan ***annwali*** ta' risistemazzjoni tal-Unjoni. L-elementi ewlenin ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati mal-proċedura ta' risistemazzjoni u mad-drittijiet u l-obbligi ta' persuni risistemati, għandhom jitqiesu kif mistħoqq f'dik l-assoċjazzjoni.	L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera għandhom ikunu mistiedna li jkunu assoċjati mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' risistemazzjoni tal-Unjoni. L-elementi ewlenin ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati mal-proċedura ta' risistemazzjoni u mad-drittijiet u l-obbligi ta' persuni risistemati, għandhom jitqiesu kif mistħoqq f'dik l-assoċjazzjoni.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Regolament (UE) Nru 516/2014
Artikolu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "risistemazzjoni" tfisser l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew*** persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn ***pajjiż terz li ġew spostati lejh jew fih***, ***fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri*** bil-ħsieb li jingħataw protezzjoni ***internazzjonali”***;	(a) "risistemazzjoni" tfisser ***is-selezzjoni,*** l-ammissjoni ***u t-trasferiment*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u*** persuni mingħajr stat fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn ***Stat fejn fittxew protezzjoni lejn Stat Membru***, bil-ħsieb li jingħataw protezzjoni ***internazzjonali u soluzzjoni dejjiema***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emendat biex jallinja mal-Artikolu 2 ta' dan il-Qafas.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Regolament (UE) Nru 516/2014
Artikolu 2 – punt ab

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ab) "skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni" tfisser skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu ***15(2)*** tar-[Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Qafas ta' Risistemazzjoni)].	(ab) "skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni" tfisser skema ta' risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu ***8*** tar-[Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Qafas ta' Risistemazzjoni)].

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 516/2014
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Flimkien mal-allokazzjoni*** tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), ***l-Istati Membri għandhom jirċievu, għal kull persuna risistemata skont skema*** ta' ***risistemazzjoni mmirata tal-Unjoni, somma*** f'daqqa ***ta'*** EUR 10 000.	1. ***L-Istati Membri għandhom, minbarra l-allokazzjoni*** tagħhom ikkalkolata skont il-punt (a) tal-Artikolu 15(1), ***jirċievu kull sentejn ammont addizzjonali kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 15(2) li jkun ibbażat fuq is-somma sħiħa*** ta' ***EUR 6 000 għal kull persuna risistemata. Is-somma*** f'daqqa ***għandha tiżdied għal*** EUR 10 000 ***għal kull persuna risistemata skont skema ta' risistemazzjoni mmirata***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minkejja li għandu jkun hemm xi inċentiv għall-Istati Membri biex jipparteċipaw fil-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni, l-isforzi nazzjonali fil-qasam tar-risistemazzjoni m'għandhomx ikunu skoraġġuti. B'din l-emenda, ir-rapporteur qed tipprova ssib bilanċ bejn iż-żewġ objettivi.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-***31 ta' Diċembru 2018***, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.	1. Sal-***... [sena wara d-dħul fis-seħħ]***, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] bl-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tar-rapport tagħha għall-finijiet tal-paragrafu 1 flimkien mal-informazzjoni provduta lill-[Aġenzija Ewropea għall-Ażil] dwar in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat risistemati effettivament ***fuq bażi ta' kull ġimgħa*** kif stabbilit fl-Artikolu 22(3) tar-[Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin)].	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] bl-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tar-rapport tagħha għall-finijiet tal-paragrafu 1 flimkien mal-informazzjoni provduta lill-[Aġenzija Ewropea għall-Ażil] dwar in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat risistemati effettivament kif stabbilit fl-Artikolu 22(3) tar-[Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin)].

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Kull ġurnata, 34 000 raġel, mara, tifel u tifla jiġu mġiegħla jħallu djarhom minħabba kunflitt, persekuzzjoni, vjolenza u ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Din iċ-ċifra żdiedet b'mod kostanti minn sena għal oħra, u dan ifisser li llum hawn aktar minn 65 miljun ruħ maħruba, li jinqasmu f'żewġ kategoriji: persuni spostati internament u rifuġjati. Huwa stmat li 12.4 miljun persuna ġew spustati fl-2015 biss. Minħabba li ċ-ċifri jkomplu jikbru u l-kunflitti u l-vjolenza responsabbli ma waqfux, hemm ħtieġa urġenti għal soluzzjonijiet permanenti u aktar effettivi fuq skala globali.

Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra: Strument tad-dritt internazzjonali wara t-Tieni Gwerra Dinjija

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ħafna pajjiżi irrealizzaw li kien hemm bżonn kbir li jippromwovu u jistabbilixxu aktar strumenti tad-dritt internazzjonali. Wieħed mill-għanijiet kien li jinħoloq strument internazzjonali li jiżgura li n-nies li jkollhom bżonn ta' protezzjoni jingħataw kenn. Fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-komunità internazzjonali stabbiliet regoli vinkolanti tad-dritt umanitarju internazzjonali li jiddeskrivu min, u taħt liema ċirkustanzi, għandu jiġi ttrattat bħala rifuġjat, u x'attenzjoni għandha tingħatalu. L-Istati Membri kollha tal-UE huma firmatarji ta' dik il-Konvenzjoni. Minkejja li l-Unjoni Ewropea bħala tali mhix firmatarja tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 63(1) KE espressament jipprevedi li l-politika komuni dwar l-asil trid tiġi adottata skont il-Konvenzjoni tal-1951 u l-Protokoll tal-1967.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) inħoloq fl-1950, fil-perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, biex jgħin lill-miljuni ta' persuni li kienu ħarbu jew tilfu djarhom. L-UNHCR iservi bħala l-"għassies" tal-Konvenzjoni tal-1951 u l-Protokoll tal-1967 tagħha. L-UNHCR huwa attur globali ċentrali li jipprovdu appoġġ lil pajjiżi li jospitaw lir-rifuġjati u jassisti lill-Istati fir-risponsi tal-politika tagħhom. Sabiex l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-ħidma tagħa fil-qasam tal-protezzjoni tar-rifuġjati u r-risistemazzjoni, huwa kritiku li nibnu fuq il-ħidma tal-UNHCR.

Risistemazzjoni: rotta sikura u legali għall-protezzjoni internazzjonali

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), li bħalissa qed tiġi riveduta, tindirizza elementi differenti bħal żieda fil-qsim tar-responsabbiltajiet għall-akkoljenza tar-rifuġjati, il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, proċeduri komuni u r-regoli għal kwalifika. Madankollu, hemm lakuna meta wieħed jiġi biex jindirizza l-ħtieġa għal wasliet sikuri u legali fl-UE. F'bosta riżoluzzjonijiet matul is-snin, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm aktar rotot sikuri u legali lejn l-UE, u li dawn ikunu aktar effettivi. Bħalu talbu dan ukoll il-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, u ħafna atturi tas-soċjetà ċivili. Is-Summit tan-NU dwar ir-rifuġjati u l-migranti, u summit dwar ir-rifuġjati mlaqqa' mill-President Obama f'Settembru 2016, ukoll talbu għal rotot sikuri u legali, inkluża r-risistemazzjoni.

Filwaqt li r-risistemazzjoni għandha xi similaritajiet mat-toroq tal-migrazzjoni, hija triq distinta. Ir-risistemazzjoni trid għalhekk tiġi rikonoxxuta li hi komplementari u mhux sostitut għal rotot legali oħra għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi l-viżi umanitarji, ir-riunifikazzjoni tal-familja estiża, u programmi ta' ammissjoni umanitarja.

Il-UNHCR huwa awtorizzat permezz tal-Istatut tiegħu u r-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea

Ġenerali tan-NU biex iwettaq risistemazzjoni bħala waħda minn tliet soluzzjonijiet dejjiema. Id-definizzjoni uffiċjali ta' "risistemazzjoni" fil-Manwal tar-Risistemazzjoni tal-UNHCR hija kif ġej:
Ir-risistemazzjoni tinvolvi l-għażla u t-trasferiment ta' rifuġjati minn Stat fejn ikunu talbu l-protezzjoni lejn Stat terz li jkun qabel li jaċċettahom — bħala rifuġjati — bi status ta' residenza permanenti. L-istatus provdut jiżgura protezzjoni kontra r-refoulement u jipprovdi lir-rifuġjat risistemat u l-familja jew dipendenti tiegħu b'aċċess għal drittijiet simili għal dawk li jgawdu ċ-ċittadini. Ir-risistemazzjoni joffri wkoll l-opportunità li persuna eventwalment issir ċittadin naturalizzat tal-pajjiż ta' risistemazzjoni.
Ir-risistemazzjoni hija, mit-tfassil tagħha, għodda li tipprovdi protezzjoni u soluzzjoni dejjiema għar-rifuġjati. Huwa f'dan l-isfond li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, il-Kunsill Ewropew għar-Rifuġjati u l-Eżiljati, il-Kumitat Internazzjonali ta' Sokkors (IRC), Caritas, is-Salib l-Aħmar, Amnesty International u ħafna partijiet interessati oħra jfissru li r-rabta tar-risistemazzjoni ma' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet tal-migrazzjoni mhix għażla sostenibbli. Din titbiegħed mir-risistemazzjoni bħala għodda ta' protezzjoni għar-rifuġjati l-aktar vulnerabbli. Ir-risistemazzjoni trid tkompli tkun ibbażata fuq il-bżonnijiet tar-rifuġjati l-aktar vulnerabbli. Ta' min jinnota li l-UNHCR diġà tqis ir-risistemazzjoni bħala l-aħħar alternattiva, fis-sens li meta jivvalutaw każ, soluzzjonijiet dejjiema oħra kollha jkunu diġà ġew analizzati. Id-determinazzjoni ta' prijoritajiet ġeografiċi bbażata fuq kooperazzjoni ma' pajjiżi terzifil-qasam tal-migrazzjoni u l-ingranaġġ tar-risistemazzjoni biex jintlaħqu objettivi tal-politika barranija għaldaqstant iservu biex fir-realtà jipperikolaw approċċ tal-protezzjoni umanitarju, imsejjes fuq il-ħtiġijiet u internazzjonali. Bl-istess mod, huwa essenzjali li l-qafas tal-Unjoni jallinja mal-UNHCR f'dak li jirrigwarda l-kriterji ta' eliġibbiltà użati fil-programmi ta' risistemazzjoni.

Qafas tal-Unjoni li jikkomplementa strutturi internazzjonali għar-risistemazzjoni.
Sabiex jiġi żgurat li l-qafas tal-UE jsaħħaħ l-isforzi ta' risistemazzjoni globali, kif ukoll iħares id-dritt internazzjonali, ir-risistemazzjoni trid tkun sostnuta minn kunsiderazzjonijiet tal-ħarsien għall-persuni kkonċernati. Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet umanitarji, jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-ħtiġijiet dinjija ta' risistemazzjoni u jtaffi s-sitwazzjonijiet fit-tul ta' rifuġjati. Għal din ir-raġuni, il-Qafas irid ikun allinjat ma' strutturi internazzjonali ta' risistemazzjoni eżistenti sabiex jikkomplementa l-isforzi eżistenti, sabiex ikompli jżid il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fir-risistemazzjoni, u l-iktar importanti, sabiex jiffunzjona verament fil-prattika. Dan jista' jinkiseb bil-modi li ġejjin:

- Ir-rwol tal-UNHCR bħala l-istituzzjoni prinċipali li tirreferi każijiet ta' risistemazzjoni lill-Istati Membri huwa mtenni (Artikolu 10). Dan ma jfissirx li l-Istati Membri jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra ma jistgħux jagħmlu riferimenti; sempliċiment jiddikjara kif taħdem ir-risistemazzjoni diġà. Madankollu, jintroduċi salvagwardji u jevita d-duplikazzjoni ta' proċeduri jew strutturi.
- Il-prijoritajiet ġeografiċi (l-Artikoli 4 u 7) għandhom ikunu bbażati fuq il-pubblikazzjoni tal-Ħtiġijiet Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni li l-UNHCR joħroġ kull sena. Hawnhekk nistgħu nsibu l-aktar valutazzjoni profonda dwar fejn il-bżonnijiet għal risistemazzjoni huma l-aktar urġenti fid-dinja, u huwa evidenti li dan għandu jiggwida l-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.
- Ir-rwol tal-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli għandu jkun allinjata b'mod aktar ċar ma' strutturi eżistenti. Wara l-Konsultazzjonijiet Annwali Tripartitiċi dwar ir-Risistemazzjoni (ATRC), il-Kumitat ta' Risistemazzjoni ta' Livell Għoli għandu

jiltaqa' biex jispeċifika l-komponenti ewlenin tal-pjan ta' risistemazzjoni kif ukoll id-diversi skemi ta' risistemazzjoni. Is-sħubija fil-kumitat ta' risistemazzjoni ta' livell għoli twessgħet sabiex jiġu żgurati aktar trasparenza u kwalità.

Qafas tal-Unjoni li jżid in-numri

L-Ewropa għandha 23.8 % tal-PDG dinji (OECD, 2014), iżda l-Istati Membri tal-UE jospitaw biss 8 % tar-rifuġjati fid-dinja. Dan ipoġġi piż sproporzjonat fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jospitaw il-maġġoranza kbira. 22 pajjiż Ewropew irrisistemaw 13 040 persuna fl-2015 (9 629 minnhom lejn 17-il Stat Membru tal-UE), li jfisser li l-Ewropa, bħala medja, ikkontribwiet madwar 10 fil-mija tar-risistemazzjonijiet dinjija matul dawn l-aħħar ħames snin. B'kuntrast ma' dan, dik l-istess sena, l-Istati Uniti rrisistemat 69 933 rifuġjat.
L-Istati Membri wrew nuqqas ta' rieda li joħolqu rotot legali u sikuri adegwati tad-dħul fir-reġjun. B'riżultat ta' dan, il-persuni li ħallew pajjiżhom m'għandhom l-ebda għażla għajr li jirrikorru għall-kuntrabandisti u jimbarkaw fuq vjaġġi irregolari perikolużi. Jekk irridu li titnaqqas il-ħtieġa għal vjaġġi perikolużi, jitnaqqsu l-imwiet u d-dipendenza fuq in-netwerks tal-kuntrabandu, dan se jsir realtà biss meta l-għadd ta' postijiet offruti jkun kredibbli u sinjifikattiv. Il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni għandu jimmira li jirrisistema mill-inqas 25 % tal-Ħtiġijiet Annwali Dinjija Proġettati ta' Risistemazzjoni. Fl-2017, dan ifisser madwar 250 000 persuna.

Qafas tal-Unjoni li jappoġġja l-programmi nazzjonali

L-Istati Membri tal-UE li għandhom programmi ta' risistemazzjoni li jirnexxu għandhom jiġu mħeġġa jkomplu u jespandu, jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jikkondividu r-riżorsi. L-Istati Membri tal-UE li għadhom qed jibdew bl-ewwel programmi ta' risistemazzjoni għandhom jingħataw l-appoġġ kollu meħtieġ biex l-ewwel esperjenza tagħhom tkun pożittiva. L-Istati Membri tal-UE li għandhom ftit jew l-ebda esperjenza ta' risistemazzjoni jeħtieġ li jsibu struttura soda li tista' tgħinhom jibdew, u dan jinkludi skambju tal-aħjar prattiki ma' Stati Membri oħra, u appoġġ tekniku u operattiv, fosthom mingħand [l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil]. Jekk il-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni jinforza proċeduri, kriterji ta' eliġibbiltà jew raġunijiet għall-esklużjoni komuni anke fuq programmi nazzjonali, jissogra li jiskoraġġixxi l-isforzi nazzjonali fil-qasam tar-risistemazzjoni.
Fl-istess ħin huwa ċar li għandna nibnu inċentiv għall-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni. Bħala bilanċ bejn dawn iż-żewġ għanijiet, huwa ssuġġerit li l-Istati Membri jżommu s-EUR 6 000 li jirċievu mingħand il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) għal kull persuna risistemata, filwaqt li jieħdu EUR 10 000 għal kull persuna risistemata meta l-Istati Membri jagħżlu li jirrisistemaw skont il-Qafas tal-Unjoni.

Qafas tal-Unjoni li jipprovdi soluzzjoni dejjiema

Il-bażi tar-risistemazzjoni bħala soluzzjoni dejjiema hi li l-Istati li jirċievu huma mistennija li jipprovdu lil persuni risistemati b'residenza permanenti. Residenza ta' sena jew tliet snin ma tistax titqies bħala soluzzjoni dejjiema minn ħadd. Għalhekk, huwa kruċjali li l-Istati Membri jkunu jistgħu joħorġu permessi ta' residenza li huma iktar favorevoli minn dawk issuġġeriti f[ir-Regolament dwar il-Kwalifika]. Dwar dan il-punt, huwa ssuġġerit li l-Istati Membri jkunu jistgħu joħorġu permessi ta' residenza b'validità permanenti jew illimitata fuq termini li jkunu iktar favorevoli kif imsemmi fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, kif emendata bid-Direttiva 2011/51/UE [id-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul].

A Common European Asylum System must have several safe and legal pathways

Our common asylum system cannot continue to exclusively focus on making it as hard as possible for people fleeing to reach the territory of the European Union. Safe and legal pathways, together with good reception and integration structures, is absolutely vital for a functioning European asylum system. The right to asylum and international law must be respected. It is not a choice that Member States can opt-out of. A robust Union Resettlement Framework that ensures added quality and quantity to already existing European resettlement efforts is one fundamental part of such a system – but must be coupled with other legal pathways as well. The European Union must step up our common efforts and prove that our continent and our Union can take our fair share of the global responsibility.